MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Numru. 876/2002

Il-Pulizija
(Spettur Walter Spiteri)

vs

Joseph Zahra

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Zahra ta' ghoxrin sena, bin Joseph u Margaret Farrugia, inwieled Pieta' fit-2 ta' Lulju, 1982 u residenti Blokk 5, Flat 2, Officer's Mess, Triq Hal Far, Zurrieq, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 360482(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-18 ta' Ottubru, 2002 ghal habta ta' nofs il-lejl u ghoxrin minuta, ikkommetta serq ta' travi miz-zona industrijali ta' Bulebel, Zejtun, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi il-mitt

liri Maltin, u bil-hin, u ix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment tal-kumpanija Denim Jeans Ltd.

U akkuzat ukoll talli fil-21 ta’ Ottubru, 2002 f’dawn il-gzejjer, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq membri tal-Korp tal-Pulizija, inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz, kif ukoll talli qal kliem indicenti fil-pubbliku, u talli minghajr ma darab jew sawwat, heddidhom bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddab fliexken fid-direzzjoni taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 23 ta’ Ottubru, 2002 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit fl-atti a folio 4.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-23 ta’ Ottubru, 2002 (folio 10) *ai termini* ta’ l-Artikolu 370 (4), 390 (1) u 392 tal-ap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-11 ta’ Jannar, 2007.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe’ wara li l-imputat irregistra ammissjoni, il-Qorti wissietu fuq il-konsegwenzi legali ta’ tali ammissjoni u taghtu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra din l-ammissjoni.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-imputat, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Ili minn ezami tal-fedina penali ta’ l-imputat esebita a *folio* 5 tal-process jirrizulta li din hija netta u ghalhekk il-Qorti

thoss li ghandha taghtieh cans jirriforma ruhu u jzomm boghod mill-hajja kriminali.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 267, 270, 271, 279, 280 (1), 95 (1), 339 (1) (b), 338 (dd) u 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat Joseph Zahra hati ta' l-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tiddeciedi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax-il xahar (18) sospiza ghal tlett (3) snin.

Il-Qorti fissret fi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos milli josservaha. L-imputat min-naha tieghu iddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservaha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------